MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 45/2018

L-Erbgħa 28 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

45.1.1 Is-Sindku qal illi ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba, kienet skużata. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 45.2 Jum Iż-Żebbuġ 2018;

45.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-program ta' attivitajiet li jilħqu l-qofol tagħhom nhar is-Sibt 28 t'April 2018 f'nhar Jum iż-Żebbuġ. Il-program ġie mfassal wara li l-membri tal-Kunsill kellhom laqgħa bejniethom informalment sabiex jiddiskutu dwar dan.

**<u>Is-Sibt 21 t'April 2018</u>**

9.00am Sports Day bis-sehem ta' Żebbuġ Rovers F.C. u tingħata tifkira tal-okkażjoni lill-parteċipanti.

**<u>Il-Ħadd 22 t'April 2018</u>**

8.45am Sfilata u tberik tal-*pets* fi Pjazza l-Assunta u tingħata tifkira tal-okkażjoni lill-parteċipanti.

**<u>It-Tnejn 23 t'April 2018</u>**

9.00am Ħarġa kulturali f'postijiet t'interess madwar il-lokalita' għat-tfal tal-iskola bit-*trackless train*.

**<u>It-Tlieta 24 t'April 2018</u>**

9.00am Attivita' għal dawk il-persuni u koppji li jgħixu waħedhom.

**<u>L-Erbgħa 25 t'April 2018</u>**

7.00pm Quddiesa għar-ruħ l-eroj żebbuġin li mietu f'1942.
8.00pm Inawgurazzjoni tal-mafkar lill-eroj żebbuġin fi Pjazza l-Assunta.

**Il-Ħamis 26 t'April 2018**

7.30pm Laqgħa ta' ringrazzjament għall-eks Kunsilliera u membri li servew fil-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn matul is-snin fis-sala tal-Kunsill Lokali iż-Żebbuġ.

**Il-Ġimgħa 27 t'April 2018**

6.00pm Quddiesa fil-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn.

**Is-Sibt 28 t'April 2018**

7.00pm Quddiesa tal-okkażjoni ta' JUM IŻ-ŻEBBUĠ.
8.00pm Ċerimonja fi Pjazza l-Assunta bis-sehem tal-Banda Santa Marija, Cini Band u Kor Regina Angelorum. L-għoti tal-unur 'Ġieh iż-Żebbuġ' u tifkira ta' rikonoxximent ta' kisbiet importanti li għamlu residenti tal-lokalita' fl-aħħar sena. Wara riċeviment għal kulħadd.

Is-Sindku talab għal xi kummenti jew suġġerimenti oħra.

45.2.2 Il-Viċi Sindku għamel suġġeriment sabiex dakinhar tal-isfilata u t-tberik tal-*pets* issir ukoll sfilata taż-żwiemel u tkun miftuħa għas-sidien taż-żwiemel Għawdxin. Il-membri preżenti qablu ma' din il-proposta u ġie deċiż li l-parteċipanti jħallsu €5 biex jieħdu sehem li tkun tkopri ftit mill-ispiża tat-tifkiriet tal-okkażjoni li jingħataw lill-istess parteċipanti.

45.2.3 Is-Sinjura Sandra Grech għamlet suġġeriment sabiex dakinhar issir ukoll stedina lir-residenti u tittella' wirja ta' snajja u talent. Il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment iżda ġie nnutat li ħin biżżejjed għal din il-wirja mhux ser ikun hemm peress li fl-10.00am tibda l-quddiesa.

45.2.4 Chev Carmelo Saliba għamel suġġeriment dwar il-laqgħa għal dawk in-nies tal-lokalita' li jgħixu waħedhom sabiex din il-laqgħa ssir f'Dar Stella Maris u ssir *talk* minn soċjologu. Il-membri preżenti qablu ma' din il-proposta li ssir f' Dar Stella Maris fid-9.00 ta' filgħodu.

45.2.5 Il-Viċi Sindku qal li xtaq ifakkar li hu kien ippropona sabiex iċ-ċerimonja ta' nhar Jum iż-Żebbuġ issir fil-Każin tal-Banda imma qal li la darba hemm qbil mill-

maġġoranza li ssir fil-pjazza, hu ser jaqbel ma' dan il-post.

45.2.6 Chev Carmelo Saliba qal li fil-programm preżentat ma kienx hemm imniżżel lil min ser jingħata Ġieh iż-Żebbuġ ta' din is-sena. Huwa qal li wara li kien hemm qbil dan ser jingħata għall-memorja ta' Antonia Saliba li mietet is-sena l-oħra. Antonia Saliba kienet ikkontribwiet għal-lokalita' speċjalment lejn il-parroċċa. Chev C Saliba semma li kull sena Fr Joe kien iżura sabiex hi tgħin lill-missjoni finanzjarjament.

Chev C Saliba qal ukoll li rigward il-post taċ-ċerimonja ta' nhar Jum iż-Żebbuġ, hu ukoll kien qal f'laqgħat preċedenti biex din is-sena ssir fis-sala tal-każin tal-banda iżda fil-preżent jaqbel li ssir fil-pjazza tal-knisja minħabba iċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni.

45.2.7 Is-Sinjura Sandra Grech qalet li tirrispetta d-deċiżjoni tal-maġġoranza rigward il-post taċ-ċerimonja u l-għoti ta' Ġieh iż-Żebbuġ. Hi qalet li s-suġġeriment tagħha li jsir fis-sala tal-Każin tal-Banda kien għar-raġuni li hija sala attrezzata għal tali okkażjoni u qalet ukoll li Ġieh iż-Żebbuġ xtaqet tinnomina lis-Sur Marnol Sultana tax-xogħol volontarju li jagħmel għall-ġid tal-lokalita'.

45.2.8 Is-Sur Christian Cassar iddikjara li hu ilu ħafna żmien imdaħħal fl-għaqdiet tar-raħal u qal li jemmen li hemm okkażjonijiet oħra fejn nistgħu nagħmlu attivitajiet fis-sala tal-Każin tal-Banda mhux neċessarjament f'Jum iż-Żebbuġ. Hu qal li għandu rispett lejn kull għaqda tar-raħal u lejn kull resident u fejn issir iċ-ċerimonja għalih personali ma tagħmilx differenza iżda qal li jaqbel li din is-sena ssir fil-pjazza tal-Knisja.

45.2.9 Is-Sindku qal li hu m'għandux x'jaqsam mal-Kumitat tal-Banda u la għandu xi problemi magħhom u lanqas ma' tal-*bar* tal-istess Każin, iżda qal li ġie avviċinat minn diversi persuni li wara l-attivita' tal-President ta' Malta li saret f'Diċembru f'din is-sala, ilmentaw miegħu li m'attendewx għal din l-attivita' minħabba li ma jħossuhomx komdi jidħlu f'dan il-Każin.

Is-Sindku qal li kien li għalhekk hu ppropona li ssir fi Pjazza l-Assunta sabiex ikun jista' jattendi kulħadd u din l-attivita' tkun fiċ-ċentru tar-raħal, u f'każ ta' maltemp issir fis-sala tal-iskola. Finalment, il-membri preżenti qablu mal-proposta tas-Sindku.

## 45.3 Tmiem tal-laqgħa.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-6.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 20 t'April 2018.

| Iffirmati | Iffirmati |
|---|---|
| Nicky Saliba<br>Sindku | Ryan Debrincat<br>Segretarju Eżekuttiv |